# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 321/2016**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Nazzareno Abela**

Illum 25 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Nazzareno Abela**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 41684(M)**,** akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:

f'dawn il-Gżejjer fit-2 ta' Novembru 2009 u fit-tliet xhur ta' qabel:

a. biegħ jew xort'oħra ittraffika r-raża meħuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur ta' Artikolu 8(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b. biegħ jew xort'oħra ittraffika l-pjanta *Cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' Artikolu 8(e) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

f'dawn il-Gżejjer fit-2 ta' Novembru 2009 u fil-jiem ta' qabel:

c. kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur ta' Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

d. kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *Cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

f'dawn il-Gżejjer fit-2 ta' Novembru u fiż-żmenijiet ta' qabel:

e. kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur ta' Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-3 ta' Ġunju 2016, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikoli 17(b) u (f) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

- sabet lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet (a) u (b) miġjuba kontra tiegħu u lliberatu minnhom;

- sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet (c), (d) u (e) u kkundannatu ħmistax-il xahar priġunerija u multa ta' elf u ħames Euro (€1,500) li, b'applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, setgħet titħallas mill-ħati

b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100), bl-ewwel pagament kellu jsir fi żmien xahar minn meta l-ħati jiskonta l-piena ta' priġunerija li ġiet erogata bis-sentenza u għal dan il-għan ir-Reġistratur kellu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet tal-ħabs b'dan illi kemm il-darba l-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi;

- *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż tal-esperti maħtura fl-istadju tal-Process Verbal tal-Inkjesta, ossia l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud, ammontanti għas-somma ta' sitt mija, tlieta u tmenin Euro u għoxrin ċenteżmu (€683.20) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' PS 239 Joseph Caruana u PS 198 A. Debattista, ammontanti għas-somma ta' sebgħa u tmenin Euro u sitta u erbgħin centezmu (€87.46), b'kollox is-somma ta' seba' mija u sebgħin Euro u sitta u sittin ċenteżmu (€770.66), liema somma kellha titħallas mill-ħati fi zmien sena minn dakinhar li ngħatat is-sentenza;

- ordnat id-distruzzjoni tad-droga u l-oġġetti kollha relatati mad-droga, eżebiti flimkien mar-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud, hekk kif is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li kellu jirrediġi Process Verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument kellu jiġi nserit fl-atti tal-kawza mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-16 ta' Ġunju 2016 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tilqa' dan l-appell billi **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata billi **TIKKONFERMAHA** fejn sabet lill-appellant mhux ħati tal-imputazzjonijiet (a) u (b) u kif ukoll fejn sabitu ħati tal-imputazzjoni (e) u ċioè tal-pussess sempliċi u kif ukoll **TIKKONFERMA** s-sentenza appellata fl-imputazzjonijiet (c) u (d) għal dak li jikkonċerna l-pussess sempliċi filwaqt li **TĦASSARHA u TIRREVOKAHA** fejn sabet illi dak il-pussess fl-imputazzjonijiet (c) u (d) kien f'ċirkostanzi illi juru li ma kinitx għall-użu esklussiv u konsegwentement **TIRRIFORMAHA***

*fil-parti tal-piena; jew alternattivament* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta billi minflok tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta għall-każ odjern."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat id-digriet mogħti minn din il-Qorti diversament preseduta fit-12 ta' Novembru 2018 fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-appellant sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement irreferietu quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Rat in-Nota ppreżentata mill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga fit-18 ta' Settembru 2019 fejn il-Bord informa lil din il-Qorti diversament preseduta li l-proċess ta' riabilitazzjoni tal-appellant ntemm b'suċċess.

Rat in-Nota tar-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali ppreżentata fil-15 ta' Ottubru 2019 fejn fiha din il-Qorti diversament preseduta ġiet infurmata li minn riċerka li saret ma rriżultax li l-appellant kellu proċeduri oħra pendenti fi grad ta' appell.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-3 ta' Ġunju 2016.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta fl-atti proċesswali u li wassal sabiex l-appellant jiġi mixli quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Mir-rapport (Dok. "AV 1" – *a fol.* 11 *et seq.*) redatt mis-*Scene of the Crime Officers* PS 239 Joseph Caruana u PS 198 Arthur Debattista jirriżulta li kien hemm sbatax (17)-il blokka mgewżra, tnax (12)-il borża kontenenti frak ħadrani, borża b'seba' (7) loqmiet ta' lewn abjad, borża bi frak ta' lewn skur.

- **PS 1098 Johann Micallef** (*a fol.* 17 *et seq.*) ikkonferma s-sejbien tas-sbatax (17)-il biċċa suspettata kannabis u tat-tnax (12)-il borża b'xi grass suspettat tal-kannabis.

- **PC 760 Christopher Saliba** (*a fol.* 19 *et seq.*) xehed li meta marru biex jarrestaw lill-appellant dan qal li kien qed iħossu ħażin. Jgħid li qalulu joqgħod fuq bank u ftit tal-ħin wara ħarab jiġri u kellhom jitolbu l-assistenza biex sabuh. Jgħid li sabuh fil-kamra tas-sodda tiegħu fejn ma sabu xejn illegali.

- L-Uffiċjal Prosekutur l-i**Spettur Victor Aquilina** (*a fol.* 23 *et seq.*) spjega kif fix-*shaft* sabu *video cassette* u fih kien hemm biċċa tal-kannabis, sbatax (17)-il biċċa ta' kannabis resin fl-*aluminium foil* (ħamsin (50) gramma) u tnax (12)-il pakkett bil-kannabis grass li jammontaw għal erbgħin (40) gramma.

- L-i**Spettur Saviour Baldacchino** (*a fol.* 31 *et seq.*) qal li l-appellant ħarab minn fuq il-post u li wara sabuh id-dar u mit-tieqa tal-kamra tas-sodda tiegħu kienet tidher xi ħaġa suspettata li kienet tikkontjeni d-droga.

- **WPC 23 Geraldine Buttigieg** (*a fol.* 34 *et seq.*) ikkonfermat dak li qal l-iSpettur Saviour Baldacchino.

- Mix-xiehda tal-i**Spiżjar Mario Mifsud** (*a fol.* 39 *et seq.*), abbażi tar-relazzjoni tiegħu (Dok. "MM" – *a fol.* 41 *et seq.*), jirriżulta li kien hemm sbatax (17)-il biċċa tal-pjanta kannabis b'piż ta' 47.05 grammi (b'purita' ta' 5.3%), ħaxix imfarrak li kien fi tnax (12)-il borża tal-plastik u frak li kien hemm f'dokument ieħor (24.15 grammi u b'purita' ta' 4.7%). Mil-lista li tidher *a fol.* 45 *et seq.* jirriżulta li ħafna mill-biċċiet kienu kważi tal-istess piż.

- **PC 1525 Patrick Farrugia** (*a fol.* 94 *et seq.*) kellu jeżamina d-dokumenti diġa' msemmija għall-impronti diġitali u rriżultalu li l-impronti li ġew żviluppati ma kinux tajbin għall-komparazzjoni.

- L-appellant allura imputat **Nazzareno Abela** (*a fol.* 118 *et seq.*) xehed li kien ħarab lill-Pulizija meta sabuh l-Isla ħdejn il-knisja ta' San Filippu. Jgħid li l-Pulizija sabuh id-dar ta' ommu. Jixhed li huwa rema l-kaxxa tal-*video* li kien fiha l-kannabis u jgħid ukoll li huwa kien ipejjep il-ħaxixa kuljum u li ma setax ileħħaq. Jgħid li dak iż-żmien kien jaħdem għad-droga u li kien jixtriha bil-kwantita' biex jiffranka u s-*supplier* kienu jagħtih tnejn żejda għalih. Jispjega li lill-Pulizija kien qalilhom kollox għax beda jibża'. Jgħid li minkejja li lill-Pulizija kien qalilhom li kien ibiegħha, pero' mhux veru li kien ibiegħha. Jgħid li kien qal hekk biex joħroġ minn ġoċ-ċella. Jixhed li l-Pulizija kienu qalulu li ma jistax iġib avukat. Jgħid li ħa tagħlima u li llum jaħdem u għandu żewġt itfal. Fil-<u>kontro-eżami</u> jgħid li huwa baqa' jinsisti li kien talab għall-assistenza ta' avukat. Mistoqsi mill-Ewwel Qorti: "*Il-biċċiet li nstabu f'din il-kaxxa tal-video, kif kont tixtriehom int?*" (*a fol.* 126), wieġeb: "*Kont nixtri 20 u jagħtini 4 b'xejn.*"

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-Appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi. Jisħaq li l-Ewwel Qorti għamlet sew meta skartat l-istqarrija rilaxxata minnu u dana peress li hu ma kienx ingħata dritt biex jikkonsulta mal-avukat. Jargumenta li kien fadal biss l-ammont ta' droga li ppreżentat il-Prosekuzzjoni. Jgħid li l-fatt li fuqu nstabu 47.05 grammi tal-kannabis ma jfissirx li dawn kien ser jispaċċjahom u dana peress li hu kien dipendenti fuq id-droga. Jgħid li nstabu seba' ċikkiet tas-sigaretti f'daru stess li juru li huwa kien jieħu d-droga. Jgħid li l-fatt li hu kien xtara droga għal wieħed u sebgħin (71) jum ma jfissirx li hu ma kienx qed ikun veritjier meta qal li hu kien jaħdem għad-droga. Jisħaq li fid-depożizzjoni ġuramentata tiegħu huwa qal li kien jixtri ħafna biex jiffranka u kien jingħata tnejn b'xejn u jgħid li dan kollu juri li hu kien *heavy user* tad-droga. Jispjega li ma hemmx prova li għax id-droga kienet f'boroż tal-plastik *self-sealing* allura din kienet ser tiġi spaċċjatha. Jissottometti li ma kien elevat ebda miżien. Jgħid li peress li l-Ewwel Qorti lliberatu mill-imputazzjoni ta' traffikar, b'hekk setgħet tassumi funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga għaliex jissodisfa l-kriterji ta' Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti ser tibda l-istħarriġ tagħha billi tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti

(kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx raġjonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk iżda din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġjonevolment tasal għall-konkluzzjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li hija u tikkunsidra l-fatti, l-Ewwel Qorti skartat l-istqarrija tal-appellant. Jirriżulta li hija straħet provi oħra.

Illi dwar l-apprezzament tal-fatti, kull każ huwa differenti mill-ieħor u l-Qorti trid tara jara l-fatti ta' kull każ u teżaminahom F'dan il-każ mir-rapport redatt mill-Ispiżjar Mario Mifsud jirriżulta li mentri l-piżijiet tas-sustanza kienu s-segwenti (*a fol.* 45 *et seq.*): 2.61g, 2.69g, 2.45g, 2.88g, 2.57g, 2,55g, 2.35g, 2.72g, 2.77g, 2.75g, 2.44g, 2,69g, 2.68g, 2.71g, 2.70g, 2.57g, 2.67g, 2.25g, il-piżijiet tal-ħaxix kien dan: 2.15g, 2.17g, 1.58g, 2.25g, 1.41g, 1.83g, 2.42g, 2.17g, 2.06g, 1.47g, 2.15g, 2.49g, frak 0.10g.

Illi r-rapport ikompli jgħid li s-sbatax (17)-il biċċa ta' sustanza ta' lewn kannella kellu piż ta' 47.05 grammi u li l-purita' medja kienet dik ta' 5.3%. Dawn instabet fihom is-sustanza *Tetrahydrocannabinol* (THC). Fil-ħaxix imfarrak kien hemm tnax (12)-il borża tal-plastik u l-frak kien parti mill-pjanta kannabis. Il-piż kien dak ta' 24.15 grammi u l-purita' kienet dik ta' 4.7%. Instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol* (THC).

Illi s-sejba taċ-ċikkiet tas-sigaretti tindika li l-appellant kien juża l-kannabis.

Illi meta xehed l-appellant qal li hu kien jixtri għoxrin (20) u kien jagħtih erba' (4) b'xejn (*a fol.* 126). Jgħid li kien jagħmel hekk biex jiffranka l-flus. Qal ukoll li kien iżomm il-kannabis moħbijin ġo kaxxa tal-*video* u li dak iż-żmien huwa kien ipejjep kuljum u ma setax ileħħaq tant li kien qed jaħdem għad-droga. Il-Pulizija kienu sabu l-kaxxa ġox-*shaft*. Huwa kien ħeba l-kannabis billi ramiha għax beda jibża' minħabba ommu.

Illi din il-Qorti tinnota li l-ammont ta' droga misjuba kienet konsiderevoli u ma tistax tifhem kif bniedem li, skont hu, kien qed jaħdem għad-droga xtara dak l-ammont kollu f'daqqa. Jekk persuna ma tistax tleħħaq, tixtri ftit. Il-Qorti tinnota wkoll kif il-piżijiet imsemmija aktar 'il fuq f'din is-sentenza huma ħafna qrib ta' xulxin. Dan mhux kumbinazzjoni. Oltre dan meta xehed l-appellant kien skars ħafna fuq il-"vizzju" li kellu.

Illi jekk wieħed ikollu l-vizzju li jieħu l-ħaxixa ma jeskludix li jkollu ħażna biex jispaċċjaha wkoll. In fatti l-kwantita' ta' ħażna misjuba kif ukoll il-piżijiet simili ħafna jindikaw li l-appellant ma kellux pussess sempliċi biss iżda pussess b'intenzjoni li jispaċċja. Il-fatt li l-Prosekuzzjoni ma eżebitx miżien ma jfissirx li l-appellant ma kellux din l-intenzjoni.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq u meħud in konsiderazzjoni tal-fatt li din il-Qorti stabbiliet li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament tajjeb tal-fatti kemm legalment kif ukoll loġikament, b'hekk isegwi li l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa li l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-liġi. Jgħid li l-provi u ċ-ċirkostanzi materjali huma rilevanti in kwantu jindikaw l-intenzjoni tal-ispaċċ u li għalhekk irid ikun ippruvat l-element tal-intenzjoni tal-ispaċċ. Jagħmel riferenza għal sentenza li kienet dwar għaxar (10)

grammi kokajina fejn il-Qorti qalet li ċ-ċirkostanzi jistgħu jkunu suspettużi imma mhumiex konklużivi tal-ispaċċ u jisħaq li fil-każ odjern il-Prosekuzzjoni naqset li ġġib tali prova. Jgħid li minn imkien mill-provi ma jirriżulta li hu qatt spaċċja xi droga. Jargumenta li lanqas ma jirriżulta li hu kellu pussess aggravat sa tliet (3) xhur qabel u li għaldaqstant l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet issibu ħati ta' pussess aggravat. Jisħaq li l-Prosekuzzjoni ppruvat il-pussess biss u li l-fatt li l-ammont misjub kien wieħed konsiderevoli jista' jindika li d-droga ser tiġi spaċċjata iżda l-Qorti trid tkun moralment konvinta li dan kien ser isir. Jargumenta li biex sentenza tkun *safe and satifactory*, il-Qorti trid tikkonkludi li kien hemm l-intenzjoni diretta u speċifika tal-ispaċċ. Jgħid li l-ispaċċ ma għandux jirriżulta minn suspetti u konġetturi biss. Jisħaq li l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tasal għall-konklużjoni li hu kien ser jispaċċja d-droga.

Illi fl-aggravju in eżami l-appellant jissottometti li ma kinitx ippruvata l-intenzjoni tal-ispaċċjar. Mingħajr ebda tlaqliq, din il-Qorti tinnota li ma taqbel xejn ma' dan l-aggravju u dana peress li l-intenzjoni tirriżulta mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni b'mod l-aktar ċar. Ma' dan il-Qorti żżid tgħid li x-xiehda tal-appellant b'ebda mod ma wasslet biex huwa jipprova fuq bażi ta' probabilita' biss li d-droga kollha in kwistjoni kienet għalih. Għaldaqstant it-tieni aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-rigward tat-talba dwar varjazzjoni fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti jibda billi jingħad li wara li ġie ppreżentat ir-Rikors tal-appell tal-appellant f'dawn il-proċeduri, l-appellant talab li *ai termini* ta' Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti diversament preseduta tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga (*a fol.* 169), liema talba ġiet milqugħa wara li nstemgħu xhieda fir-rigward tat-talba msemmija (*a fol.* 190 *et seq.*) u fejn il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti diversament preseduta li l-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-appellant kien intemm b'suċċess (*a fol.* 192). Dan ser jittieħed in konsiderazzjoni fir-rigward tal-piena.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Jannar 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dennis Cremona** (Numru 151/2019) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi, it-talba minnu magħmula fit-termini tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta ukoll għandha bħala l-fini tagħha mitigazzjoni fil-piena u għalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi, ġialadarba issa assumiet funzjoni ta' Qorti Dwar id-Droga, għandha taqdi din il-funzjoni l-ewwel u qabel kollox, fid-dawl tal-aggravju imqanqal, kif ingħad."

Illi wara li din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll is-segwenti:

- in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-appellant li ġew pruvati;

- il-fedina penali aġġornata tal-appellant;

- il-fatt li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant jirrisalu għas-sena 2009 u għat-trapass ta' żmien li ħadu l-proċeduri odjerni sabiex jiġu konklużi llum;

- dak li jirriżulta mid-depozizzjoni mogħtija minn Keith Psaila (*a fol.* 176 *et seq.*), Marlene Psaila (*a fol.* 180 *et seq.*) u Duncan Veneziani (rappreżentant tal-Aġenzija Sedqa – *a fol.* 184 *et seq.*), ilkoll mogħtija quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

- il-fatt li jirriżulta li l-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti diversament preseduta li l-imsemmi Bord kien sodisfatt bil-proċess ta' riabilitazzjoni tal-appellant li ntemm b'suċċess;

- il-fatt illi jirriżulta li l-unika kawża li l-appellant għandu pendenti (għal tal-anqas fi stadju ta' appell) hija dik odjerna (*a fol.* 202);

- il-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lill-Qorti, fost l-oħrajn, li fil-5 ta' Settembru 2019 Duncan Veneziani mill-Aġenzija Sedqa kien kiteb hekk (*a fol.* 193):

> *"Is-Sur Abela ħalla l-ewwel kampjun tal-urina taħt superviżjoni nhar it-13 ta' Ġunju 2018. Sussegwentement huwa kompla jħalli kampjuni tal-awrina taħt superviżjoni b'mod regolari ta' darba fil-ġimgħa. Dawn il-kampjuni dejjem irriżultaw fin-negattiv, u għaldaqstant nodfa minn traċċi ta' Opiates, Cocaine, THC (marijuana), Amphetamines, Ecstasy, Methadone u Benzodiazepine.*
>
> *Is-Sur Abela kien diġa' ħadem fuq il-problema tad-droga tiegħu, sa minn qabel ġie taħt is-Superviżjoni ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga. Eventwalment kompla jżid mal-progress li huwa kien diġa' għamel u għaldaqstant is-Sur Abela wera li huwa kapaċi jibqa' nadif mis-sustanzi. Aktar minn hekk, huwa dejjem baqa' jaħdem sabiex iħares lejn il-futur tiegħu b'ċertu pożittivita' u ħeġġa."*

Illi tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq u tenut kont tal-atti probatorji riżultanti f'dan il-każ, din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant huwa kandidat idoneu sabiex fil-konfront tiegħu jiġu applikati d-dettami ta' Artikolu 8(7) u 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll il-proviso ta' Artikolu 8(7) tal-Kapitolu msemmi b'dan għalhekk illi la darba l-Qorti hija sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbilitajiet illi r-reati li dwarhom l-appellant ġie misjub ħati kienu prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, din il-Qorti ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' *probation* jew tas-sospensjoni tat-terminu

ta' priġunerija. Għaldaqstant din il-Qorti ser tbiddel il-piena ta' priġunerija erogata mill-Ewwel Qorti għall-waħda t-terminu ta' liema ser ikun sospiż.

Illi dwar il-multa ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500) li l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant iħallas, din il-Qorti tinnota li ser tnaqqas din il-multa b'ħames mitt Euro (€500) u dana fid-dawl ta' dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti.

Illi għal dawn ir-raġunijiet kollha msemmija hawn fuq, it-talba tal-appellant dwar il-varjazzjoni fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti qed tiġi milqugħa fis-sens hawn fuq imsemmi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Nazzareno Abela u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellant ħati ta' imputazzjoni (a) u (b) u li minnhom ġie liberat;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati ta' imputazzjoni (c), (d) u (e);

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat iħallas l-ispejjeż *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema somma għandha titħallas mill-appellant fi zmien sena millum;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ordnat id-distruzzjoni tad-droga u l-oġġetti kollha relatati mad-droga u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi Process Verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat ħmistax (15)-il xahar priġunerija u multa ta' elf u ħames Euro (€1,500) u minflok tikkundanna lill-appellant:

  - għal ħlas ta' multa ta' elf Euro (€1,000) li *ai termini* ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100), bl-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar millum b'dan illi jekk l-appellant jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi u

  - wara li rat Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-appellant għall-perijodu ta' tnax (12)-il xahar priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal sentejn (2) mil-lum.

Il-Qorti twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment, b'applikazzjoni ta' Artikolu 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tordna illi r-reati li l-appellant nstab ħati tagħhom f'dawn il-proċeduri m'għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta (Kapitolu 77 tal-Liġijiet ta' Malta).

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**